MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 353/2005

**Mario Pace (ID 491762M)**

**vs**

1. **Corinthia Palace Hotel Company Limited (C 257)**
2. **Quality Project Management Limited (C26148)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 18 ta' April 2005 fejn espona:-

Illi l-attur u s-socjeta` konvenuta Corinthia Palace Hotel Company Limited kienu marbutin b'kuntratt ta' xoghol *(locatio operis)* datat is-7 ta' Jannar 2001 (Dok. 'A');

Illi s-socjeta` konvenuta l-ohra, Quality Project Management Limited, kienet inkarigata mis-supervizjoni

tax-xoghlijiet illi kellhom jitwettqu fuq il-progett tal-'Corinthia Tripoli Hotel' (Dok. 'B');

Illi l-attur fid-9 ta' Settembru 2001 kien involut f'incident serju fuq il-post tax-xoghol waqt il-qadi tad-dmirijiet tieghu fil-Libja fil-kors tal-impjieg tieghu mas-socjeta` konvenuta Corinthia Palace Hotel Company Limited;

Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra dizabilita` permanenti estensiva u danni ingenti ammontanti ghal izjed minn sebghin elf lira Maltija (Lm70,000) li ghalihom huwa qed jitlob rizarciment b'din il-kawza;

Illi l-incident in kwistjoni sehh unikament minhabba n-nuqqas da parti tas-socjetajiet konvenuti, huma jew min minnhom, tal-obbligu kuntrattwali taghhom illi jipprovdu *'a safe system of work'* u minhabba traskuragni, imperizja, nuqqas t'osservanza tar-regolamenti dwar is-sahha u s-sigurta' tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol u nuqqasijiet ohra imputabbli lis-socjetajiet konvenuti, huma jew min minnhom;

Illi minkejja assigurazzjonijiet ripetuti illi huwa sejjer jigi rizarcit ghad-danni minnu sofferti, tali rizarciment baqa' ma nghatax;

Illi minkejja illi l-attur interpella lis-socjetajiet konvenuti sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni minnu sofferti, u dan anke permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' April, 2004 (Dok. 'C'), is-socjetajiet konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghidu ghalhekk is-socjetajiet konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti: -

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi s-socjetajiet konvenuti, huma jew min minnhom, huma responsabbli ghall-incident illi sehh fid-9 ta' Settembru 2001 fi Tripoli, Libja waqt li l-attur kien qiegħed jahdem fuq il-post tax-xoghol, u ghalhekk huma responsabbli wkoll ghad-danni kollha sofferti mill-istess attur;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur, okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi; u

3. Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti, huma jew min minnhom, sabiex ihallsu lill-attur dawk id-danni kif likwidati.

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' April 2004 kontra s-socjetajiet konvenuti, huma jew min minnhom, minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kumpanija Quality Project Management Limited datata 17 ta’ Mejju 2005 (fol 15) fejn esponiet illi :

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni tat-talbiet attrici u dan bid-dekors tat-terminu tal-perijodu ta' sentejn skont l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta.

2. Fit-tieni lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz, li l-eccipjenti ma hijiex il-legittima kontradittrici tat-talbiet attrici *stante* li (a) ma kenitx fiz-zmien rilevanti marbuta mieghu b' kuntratt ta' impjieg u/jew (b) ma kellhiex ir-responsabbilta` versu l-attur li tipprovdilu "a safe working environment";

3. Fit-tielet lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz, li l-eccipjenti ma hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur;

4. Fir-raba' lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz li l-eccipjenti ezercitat il-kura kollha minnha rikjesta;

5. Fil-hames lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz, l-attur ma sofra ebda debilita` permanenti kagun tal-incident u l-maggior parti tal-ilmenti reklamat ma kienux ikkagunati fl-incident in kwistjoni; id-danni mitluba huma fi kwalsiasi kaz ezagerati.

6. Fis-sitt lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz li t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fart u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kumpanija Corinthia Palace Hotel Company Limited datata 17 ta’ Mejju 2005 (fol 20) fejn esponiet illi :

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni tat-talbiet attrici u dan bid-dekors tat-terminu tal-perijodu ta' sentejn skont l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Fit-tieni lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz, li l-eccipjenti ma hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur;

3. Fit-tielet lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz li l-eccipjenti ezercitat il-kura kollha minnha rikjesta;

4. Fir-raba’ lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz, l-attur ma sofra ebda debilita` permanenti kagun tal-incident u l-maggior parti tal-ilmenti reklamat ma kienux ikkagunati fl-incident in kwistjoni; id-danni mitluba huma fi kwalsiasi kaz ezagerati.

5. Fil-hames lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz li t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-drirt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun

Rat ir-rikors tal-attur Mario Pace datata 25 ta’ Settembru 2006 (fol 249) fejn talab lill-Qorti joghgobha tawtorizzah sabiex jikkoregi l-att tac-citazzjoni u d-dikjarazzjoni guramentata billi tissostitwixxi d-data “9 ta’ Settembru 2001” bid-data “11 ta’ Settembru 2011” kull fejn tirrikorri, u dan dejjem salv kull ordni u provvediment iehor li din il-

Qorti jidhrilha li jkun l-aktar xieraq u opportun; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u ordnat li ssir il-bidla miltuba fl-atti tal-kawza, u dan kif jidher bid-digriet moghti fit-18 ta' Ottubru 2006 (fol 253).

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tad-19 ta' Gunju 2007 u dan wara li l-istess Qorti rat l-atti kollha tal-process u l-proceduri ta' qabel is-smigh inghalqu (fol300).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Corinthia Palace Hotel Company Limited (C257) u Quality Project Management Limited (C26148) datata 15 ta' Mejju 2007 a fol 304 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-attur Mario Pace datata 15 ta' Gunju 2007 a fol 315 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Gunju 2007 (fol 327) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Chris Cilia ghall-atturi rrileva li *oltre* dak sottomess il-preskrizzjoni applikabbli mhijiex dik eccepita mill-konvenut u dan anke *in visto* tal-procedimenti tal-Art 9 tal-Kap 424. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghall-31 ta' Ottubru 2007; u l-verbali l-ohra kollha nkluz dak tas-17 ta' Ottubru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn din il-kawza giet differita ghat-13 ta' Gunju 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Din hija kawza li tirrigwarda korriment li sehh fuq il-post tax-xoghol fil-kors tal-impieg tal-attur mas-socjeta` konvenuta Corinthia Palace Hotel Company Limited, socjeta` registrata fi Tripli, il-Libja. L-attur kien impjegat ma' din il-kumpanija permezz ta' kuntratt ta' *locatio* operis datat is-7 ta' Jannar 2001, filwaqt li s-socjeta` konvenuta Quality Project Management Limited, kienet inkarigata mis-supervizjoni tax-xoghijiet li kellhom jitwettqu. L-incident sehh fid-9 ta' Settembru 2001, il-Libja u l-attur sofra danni ingenti kif ukoll debilita' permanenti.

Illi kontra din it-talba is-socjetajiet konvenuti eccepew il-preskrizzjoni ta' sentejn *a tenur* tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, *oltre* eccezzjonijiet li jolqtu il-mertu tal-kaz li permezz ta' l-istess irrespingew il-fondatezza tat-talbiet attrici fil-fatt u fid-dritt.

Illi din is-sentenza qed tinghata dwar l-eccezzjoni issollevata mis-socjetajiet konvenuti dwar il-preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili ta' Malta.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. L-attur iffirma kuntratt ta' xoghol mas-socjeta` *Corinthia Palace Hotel Company Limited* fis-7 ta' Jannar 2001 fuq proggett ta' kostruzzjoni il-Libja. Din is-socjeta` kellha bhala rapprezentant taghha fuq il-progett lis-socjeta` konvenuta *Quality Project Management Limited ai fini* ta' supervizjoni w decizjoni, skont kif jirrizulta mill-kuntratt anness mac-citazzjoni. Fid-9 ta' Settembru 2001, l-attur, waqt li kien fuq il-lant tax-xoghol, waqa' it-tarag u korra u b'hekk intavola din il-kawza ghall-kumpens ta' danni konsistenti fi spejjez u trattament mediku u kumpens ghad-dizabbilta' permanenti li jghid li qed isofri kagun tal-incident.

Din il-kawza giet ipprezentata fit-28 ta' April 2005 filwaqt li giet ipprezentata ittra gudizzjarja kontra l-konvenuti fit-20 ta' April 2004, *cioe',* wara d-dekors ta' sentejn mid-data ta' l-incident. Ma tressqitx prova dwar n-notifika tal-ittra ufficjali, izda *inoltre,* jekk mill-provi jirrizulta li tkun applikabbli l-preskrizzjoni invokata ta’ sentejn, bhala fatt, dak it-terminu skada. *Inoltre* gjaladarba l-ittra ufficjali giet prezentata wara l-gheluq ta’ sentejn mid-data tal-incident,

ma servietx biex interrompiet il-preskrizzjoni. Ghall-kuntrarju, jekk jirrizulta li r-responsabbilta` fil-kaz odjern hija wahda kuntrattwali u mhux aquiliana, huwa stabbilit li l-kawza giet intavolata fiz-zmien u ghalhekk treggi.

L-attur issottometta zewg punti ohra *in linea* sussidiaria, u cioe' li kien hemm interruzzjoni /rinunzja ghall-preskrizzjoni da parti tal-konvenuti;[1] kif ukoll l-inkompatibbilta' bejn l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u l-eccezzjoni li d-danni reklamati huma eccessivi.

Dawn il-punti ser jigu issa trattati.

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

Is-socjetajiet konvenuti qed jeccepixxu li l-azzjoni attrici hi preskritta bi skadenza ta' sentejn skont l-**artikolu 2153** tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jippreskrivi b'terminu ta' sentejn l-azzjonijiet kollha ghad-danni li jirrizultaw minn delitt jew kwazi-delitt. L-attur da parti tieghu jsostni li l-artikolu invokat mhux applikabbli peress li l-azzjoni taghha hi wahda kuntrattwali peress li l-attur u l-*Corinthia Palace Hotel Company Limited* kienu marbutin b'kuntratt ta' xoghol (*locatio operis)* filwaqt li s-socjeta` konvenuta *Quality Project Management Limted* kienet inkarigata mis-supervizjoni tax-xoghlijiet ta' bini fuq il-progett. Dan qed jigi sottomess mill-attur peress illi f'kaz ta' danni minhabba ksur ta' kuntratt, il-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' hames snin mhux ta' sentejn.

L-artikolu **2153 tal-Kap 16** jghid hekk:

"*L-azzjoni ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn."*

Jinghad, *in linea* ta' principju, li, kif korrettement issottomettew il-konvenuti, iz-zmien jibda jghaddi minn dak inhar tal-incident u mhux mid-data li fih il-persuna sar

[1] Vide nota ta' sottomissjonijiet tal-attur *a fol.*315 *et.seq.* tal-process.

jaf li sofra danni; id-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi, allura, determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mill-fatt tal-hsara (ara "**Scicluna vs Tracey**", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-22 ta' Gunju 1900 (Vol.XVII.I.151) u "**Caruana vs Runza**", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Mejju, 1999).

Hu ribadit fil-gurisprudenza taghna li ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ghad-danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghemil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz iz-zmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat (regolat bl-**art.2154(1)** tal-Kap.16); (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt ('l hekk imsejha *culpa aquiliana*), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn - principju rifless fl-**artikolu 2153** tal-Kodici Civili; u (c) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin;

Hu ghalhekk pacifiku li illi l-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-**Artikolu 2153**, tal-Kodici Civili tikkolpixxi "*l' azione per risarcimento del danno derivante dal fatto illecito, e non quello del risaricimento del danno contrattuale, soggetta quest' ultima azione alla prescrizione confacente al determinato contratto*" (**Kollez. Vol. XXVIII P I p 726**).

Illi, ghalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghemil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali (Ara per ez. "**Calafato vs Muscat**", deciza fil-5 ta' Frar, 1895 (Vol. XV.44); "**Naudi vs Zammit**", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 1925 (Vol. XXVI.I.54), **"Calleja vs Xuereb**", deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 1982). Fil-kawza "**Borda vs Arrigo Group of Hotels et**", deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar, 1999, gie konfermat li l-preskrizzjoni applikabbli tkun ta' hames snin jekk id-danni huma rizultat ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni.

Il-kwistjoni in ezami hija jekk il-kolpa fil-kaz prezenti kinetx kontrattwali jew extra - kontrattwali / aquiliana naxxenti mid-delitt jew kwazi delitt.

L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **“Joseph Busuttil v Emmanuel Schembri”** deciza fid-19 ta' Frar 1954 per Sir. Luigi Camilleri, irriteniet li *wiehed mill-kriterji sabiex jigi deciz jekk il-fatt hux kolpa kontrattwali jew aquiliana, vwoldiri li, meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun aquiliana* <u>*biss*</u> *meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali. "(*enfasi ta' din il-Qorti.) Din il-Qorti irriteniet li fatt ta' negligenza u imperizja li jikkostitwixxi inadempjenza kuntrattwali, li jista' ikun *non factum* jew anke *male factum* ma tistax tkun kolpa aquiliana imma *damnum injuria datum* li jista' isir fl-okkazzjoni ta' kuntratt. Il-Qorti ccitat *Laurent*[2] li jghallem "*Il delitto e' una lesione dell'ordine pubblico, e parimenti il-quasi delitto interessa la sicurezza delle persone.... la cosa e' affatto diversa in materia di obbligazioni convenzionali. L'inadempimento di impegni da taluno stipulati non produce che un danno pecuniario."*

Din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghall-awturi *Baudry-Lacantinerie*[3] li jghidu "*La prescrizione dell'azione pubblica non si applica all' azione civile se non quando questa abbia esclusivamente per base un crimine, un delitto, una contravvenzione; e ' inapplicabile quando l'azione all'infuori di un fatto delittuoso, ha la sua base in un contratto anteriore a questo fatto o in una disposizione di diritto civile."*

Hu ammess il-konkors bejn ir-responsabbilita' kontrattwali u dik extra kontrattwali. Kif gie deciz fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet “***Vassallo vs Mizzi et***”, deciza fid-9 ta’ April 1949, (Vol. XXXIII.II.379) il-Qorti kkunsidrat illi “*l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita’ taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza*

[2] Principji Diritto Civile Vol. XVI. p 225
[3] Tratt.Teorico Pratico di Diritto CIvile, Vol XXVIII *Della Prescrizione* pag 488

*u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ' ex nunc'. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skont il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad."*

Ukoll fil-kaz fl-ismijiet "***Arthur George Lambert et vs Anthony Buttigieg pro et noe et***." (deciza fit-18 ta' April 1963 – (Vol. XLVII.III.1110) gie deciz li "*ma hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilita' kontrattwali u htija aquiliana ... jista' jkun hemm materja ta' delitt jew kwazi-delitt anke f'materja ta' obbligazzjonijiet konvenzjonali; f'liema ipotesi l-parti lesa jista' jkollha zewg azzjonijiet – dik nascenti minn htija contrattuale u dik nascenti minn htija extra contrattuale."*

Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni *nascenti* mir-responsabbilita' *contrattuale* l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. B'hekk ir-responsabbilita' ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, u dana skont il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti.

L-awtur ***Andrea Torrente*** [4] jaghti ezempju car sabiex ikun jista' jaghraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' *contrattuale* u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' *extra contrattuale*. Din ic-citazzjoni hija citata f'diversi sentenzi recenti tal-Qrati taghna u, ghall-iktar carezza, qed tigi hawnhekk abbraccjata wkoll minn din il-Qorti:

*"Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal*

[4] **Torrente & Schlesinger** "Manuale Di Diritto Privato", para. 394 pg 649

*tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti".* L-awtur jispjega li fl-ambitu tar-responsabbilita' "*extra contrattuale ... un rapporto obbligatorio ancora non esiste tra le parti ed essa consiste nella trasgresione di un dovere generico di contegno."*

**Applikat dawn il-principji ikkonsidrat** li bejn l-attur u s-socjeta` *Corinthia Palace Hotel Company Limited* tezisti relazzjoni guridika naxxenti minn kuntratt datat is-7 ta' Jannar 2001, u ghalhekk antecedenti ghall-incident. Ma hemmx dubbju ghaldaqstant li bejniethom hemm relazzjoni guridika kuntrattwali, intrinsikament naxxenti mill-kuntratt tal-impieg, illi tirrikjedi illi s-socjeta` konvenuta bhala min ihaddem tipprovdi *a safe system of work* u *a safe place work* ghall-impjegati taghha.

Tezisti wkoll relazzjoni guridika kontrattwali bejn l-attur u s-socjeta` *Quality Project Management Limited* hija is-sub-kuntrattur tal-*Corinthia* u in kwantu li kienet inkarigata mill-ewwel kumpanija, mis-supervizjoni tax-xoghlijiet li kellhom isiru fuq il-lant tax-xoghol. Jigi rilevat li l-Att Dwar is-Sahha u S-Sigurta' fuq il-Post tax-xoghol fid-definizzjoni ta *min ihaddem* tinkludi "*kuntrattur jew subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizzi*".

Il-konvenuti jghidu li d-danni sofferti "*kienu kagun ta ' event ghal kollox miftum u distint mir-rabta kontrattwali esistenti bejnu u bejn l-imghallem tieghu*[5], u dan ghaliex, skont il-konvenuti, l-obbligu tal-imghallem li joffri *a safe working place* jirrizulta *ex lege* u mhux mill-kuntratt bejn il-kontendenti. Izda din il-Qorti ma tistax tikkondividi dan l-argument. L-obbligu tal-imghallem li joffri *a safe working environment* johrog mir-rabta guridika bejnu u l-impjegati tieghu u ghalhekk huwa intrinsikament konness mar-rabta kuntrattwali bejn il-partijiet. Ma jistax jinghad li l-htija fil-materja ta' korriment fuq il-post tax-xoghol hija awtonoma u naxxenti mill-obbligu generiku tan-*neminem laedere* ghaliex issib il-bazi taghha fir-rabta kuntrattwali.

[5] Nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti *a fol.* 312 tal-process.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ser tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjetajiet konvenuti.

**Interruzzjoni/Rinunzja ghall-Preskrizzjoni**

L-attur issottometta li mill-provi prodotti, f'kaz li din il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti, ghandu jitqies li kien hemm rinunzja ghall-preskrizzjoni da parti taghhom. Din il-konsiderazzjoni hija superfluwa *in visto* tad-decizjoni ta' din il-Qorti rigward l-applikazzjoni tal-artikolu 2153 tal-Kap.16. Madanakollu, minn ezami tal-provi din il-Qorti hi tal-fehma li tali rinunzja ma tirrizultax sal-grad ta' certezza rikjesta mill-Ligi.

Guridikament, il-Qrati taghna dejjem sostnew li r-rinunzja ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tavvera ruhha fejn "*ikun car u konklussiv illi min qajjimha jkun b'att tieghu u xort'ora mmanifesta l-intenzjoni tieghu li jabdika d-dritt tieghu*". (**Vol. XXVIII p. 11 p. 333**); "*Rinunzja espressa ghad-dritt hemm bzonn li tirrizulta minn espressjonijiet cari u univoci ……..*" **(Vol. XXXIV p. 11 p. 646**); "*Rinunzji tacita ta' drittijiet ma jistgthux jigu desunti hlief minn cirkostanzi tali li jippresupponu b'mod car u uniku l-abbandun tad-dritt*" – "**Carmelo Galea vs Dottor Albert Camilleri noe",** App. Civ. 18 ta' Marzu 1977.

Id-difensur tal-konvenuti gustament jghid li t-trattativi u l-offerti li jsiru bejn il-partijiet ma jinterrompux il-preskrizzjoni u ma jammontawx ghall-rikonoxximent tad-dejn.

Il-Qorti tikkondividi dawn is-sottomissjonijiet. Innotat li d'dawn il-laqghat, li kienu diversi, sar diskors mhux biss dwar kumpens ta' spejjez u paga, izda sahansitra gie assigurat lill-attur li t-trapass taz-zmien mhu ser jaghmel ebda differenza ghaliex kien ser jithallas. F'laqgha li sehhet bejn l-attur, Stephen Bajada u Joe Fenech ghall-kumpanija *Corinthia,* fil-11 ta' Ottubru 2004, u cioe' wara l-iskadenza ta' sentejn mill-incident, Joe Fenech talab lill-attur sabiex igib certifikati dwar il-persentagg ta' dizabbilta` soffert kagun tal-incident - b'turija cara li kienu

ser jitkomplew in-negozjati u qallu f'din il-laqgha li kieku ried jinvoka l-preskrizzjoni ma kienx ser joqghod jiltaqa' mieghu.

Izda huwa daqstant minnu li f'din il-laqgha wkoll, Joe Fenech ghamel *caveat* importanti lill-attur, qallu li kienu ghadhom f'diskussjonijiet mal-Insurance u li jithallas daqs kemm jhallsu l-*insurance.* Wiehed jista' jiddesumi li b'hekk assumew ir-responsabbilita' shiha ghall-akkadut u kien baqa' biss li jigi stabbilit il-*quantum* tal-kumpens.

Izda l-kwistjoni mhiex daqshekk semplici. Sa' dak iz-zmien ma sar ebda *claim* mill-attur ghall-kumpens dwar dizabbilta' permanenti, u qatt ma giet riferuta ebda pretensjoni lis-socjeta` assikurattiva f'dan is-sens. Dan hu komprensibbli peress li l-*Corinthia* kienet assikurata b'polza li kienet tkopri l-*accident claims* fejn ma kienx hemm bzonn li wiehed jidhol fil-kwistjoni ta' responsabbilita'. Hekk jirrizulta mix-xhieda ta' **Ramon Mizzi**[6] ghan-nom tal-*Citadel Insurance Ltd* li spjega li kien hemm zewg poloz ta' assikurazzjoni vigenti mal-Corinthia rigward il-progett mertu ta' din il-kawza. L-ewwel kien *'Group Personal Accident Policy'* li taghti beneficcju f'kaz ta' *accident.* Imbaghad kien hemm l- Employers' Liability Policy li tikkumpensa lill-*employer* ghar-responsabbilita' civili li jista' ikollu *verso* l-impjegati tieghu f'kaz ta' *claim* ghad-danni minn impjegat li jallega li ikun wegga' fuq il-post tax-xoghol. F'ebda hin tul il-perjodu ta' sentejn ma saret talba ghall-kumpens fuq dizabilita' permanenti. Fl-isfond tal-Personal Accident Policy, ghalhekk, il-kwistjoni ta' responsabbilta' *o meno* kienet ghal kollox irrilevanti u kien komprensibbli li s-socjeta` konvenuta ma torbotx mat-trapass taz-zmien ghaliex kienet assigurata li tottjeni l-eventwali kumpens ghall-ispejjez medici mill-kumpanija assikurattiva taghha.

Huwa minnu li f'dik il-laqgha tal-11 ta' Ottubru 2004, Joe Fenech talab lill-attur biex igib certifikat tal-persentagg ta' dizabbilta' minnu sofferti. Din it-talba tista' tohloq certu ekwivocita' fis-sens li kien f'dan l-istadju li l-*Corinthia*

[6] A fol. 293 tal-process.

hadet konjizzjoni ta' pretensjoni li seta' ressaq l-attur ghall-kumpens ghal-*lucrum cessans* u xorta uriet id-disponibbilta' li tkompli bit-trattattivi. Izda din il-Qorti mhiex konvinta li, b'dan biss il-*Corinthia* ammettiet xi responsabbilta' ghall-akkadut u ma kenitx, ghall-kuntrarju, semplicement qed turi id-disponibbilta' taghha biex tkompli tinnegozja minghajr pregiudizzju.

Ghalhekk ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-attur fis-sens li ma jirrizultax sal-grad ta' certezza rikjesta mill-Ligi li s-socjeta` konvenuta *Corinthia Palace Hotel Co. Ltd,* irrinunzjat ghall-preskrizzjoni. Din topera wkoll favur is-sub-kuntrattur.

**Inkompatibbilta' bejn l-Eccezzjoni ta' Preskrizzjoni u l-eccezzjoni li d-danni mitluba huma esagerati.**

L-attur jissottometti *inoltre* li hemm inkompatibbilta' bejn dawn iz-zewg eccezzjonijiet. Jigi rilevat li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tista' tigi sollevata f'kwalsiasi stadju tal-proceduri inkluz fl-istadjui ta' l-appell.

L-eccezzjoni ta' preskrizzjoni hija immirata lejn l-estinzjoni tal-azzjoni filwaqt li l-eccezzjoni dwar il-*quantum*, li d-danni mitluba huma esagerati, ma tfissirx ir-rinunzja tad-dritt ta' azzjoni, anzi timporta ammissjoni li d-dritt jezisti, u b'hekk tinholoq sitwazzjoni ta' inkompatibilita' bejn iz-zewg eccezzjonijiet.

Il-Qrati taghna rritenew li ma hemmx inkompatibbilta' bejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u dik dwar l-inezistenza totali tad-debitu. Hekk iddecidiet l-Onor.Qorti ta' l-Appell fil-kaz fl-ismijiet "***Lorry sive Lawrence Cuschieri -v- L-On.Ministru tal-Ambjent et."-*** deciza fil-25 ta' Frar 2005 - fejn irriteniet illi "*Fis-sistema legali Maltija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija kompatibbli ma' l-eccezzjoni ta' l-inezistenza totali tad-debitu.... (Il)-gurisprudenza taghna l-aktar ricenti* ***(Kollez. Vol. XXVIII-I-2971; Vol. XXX-I-9762; Vol. XXXII-I-9613 u Vol. XXXIV-I-3294****) ma ghadhiex tammetti t-teorija li l-preskrizzjonijiet brevi, bhal dik in ezami, huma bazati fuq il-prezunzjoni tal-pagament, ghaliex il-gurament li l-eccipjent jigi msejjah jiehu mhux*

*dak li hu hallas, izda li mhux debitur, u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni brevi hija kompatibili ma' eccezzjonijiet ohra li jwasslu ghall-konsegwenza li l-eccipjent mhux debitur."* (ara wkoll fl-istess sens **Alex Caruana v. Joseph Vassallo** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Dicembru 1978).

Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ghaliex il-formula tal-gurament preskritta fil-Kodici taghna ghall-preskrizzjonijiet qosra hija diversa mill-formola tal-gurament preskritta fil-kodici Taljan u dak Franciz, u ghalhekk fis-sistema tal-Kodici taghna, l-eccezzjoni tal-kontestazzjoni tad-debitu mhix inkompatibbli ma' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Difatti ma hemmx inkompatibbilta' bejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eccezzjoni l-ohra issollevata miz-zewg konvenuti fis-sens li mhumiex responsabbli ghad-danni li tfisser cahhda assoluta tad-debitu.

Izda jekk, mill-banda l-ohra, wahda mill-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut tkun dik tal-kompensazzjoni jew li l-ammont reklamat mill-attur ma jkunx dovut lilu fl-ammont minnu mitlub (u ghalhekk f'xi ammont anqas), allura jkun hemm rinunzja tacita tal-preskrizzjoni b'mod li jkun hemm inkompatibbilita` bejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u li l-ammont mitlub mhux dovut. Hekk, per ezempju, fis-sentenza **Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited**, deciza minn din il-Qorti, sede Inferjuri, fit-28 ta' April 2004, inghad hekk:

*"Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-indirizz segwit fil-precitati decizjonijiet u anzi hi wkoll tammetti bhala proposizzjoni guridika korretta t-teorija propunjata minn awturi bhal Aubry et Rau (Vol. VIII para 776) u t-Troplong ("Prescrizione" no. 67) illi 'quando il debitore senza negare in sostanza di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, vi ha rinunzia tacita alla prescrizione."*

Kif manifest minn dawn is-sentenzi, jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita ma jibqalha l-ebda valur meta din takkompanja eccezzjoni ohra li maghha hija nkonciljabbli u nkompatibbli. Dan jigri, tipikament, fejn,

bhal fil-kaz *de quo*, l-attitudini tad-debitur ma tkunx dik tad-difiza tal-inezistenza tad-debitu … jew tac-cahda tad-dritt u l-azzjoni tal-attur izda tas-semplici kontestazzjoni tal-ammont. Konformament bhal fil-kaz tal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni, eccezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gia kompjuta. Ara a propozitu - Kollez **Vol. XXXIV pt.I. p.326** u "**Raymond Vella –vs- Moby Rentals Ltd**", App.Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru 2001.

Dwar din is-sottomissjoni hemm insenjament car u cioè illi, (ara wkoll fost ohrajn id-decizjoni "***Felice Fenech - vs -Carmelo Bellia"*** tad-29 ta' Jannar 1960 moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili):

"… *xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni opponiha in subordine bla pregudizzju ghall-eccepita preskrizzjoni, in vista tal-principju protestatis [recte: protestatio] 'contra factum non relevat' u bil-fatt tieghu stess il-konvenut gie rrinunzja ghall-preskrizzjoni* …";

F'sentenza ohra ta' dina l-Qorti diversament komposta moghtija fil-hamsa (5) ta' Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet "***Guido J. Vella A. & C.E. vs Dr. Emanuel Cefai LL.D"***. intqal hekk:

"*L-eccezzjoni tal-appellant illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohra fosthom dik tal-preskrizzjoni, l-ammont mitlub mill-attur appellat kien esagerat u mhux dovut lilu fl-ammont minnu mitlub, hi inkonsistenti mal-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Din it-tielet eccezzjoni ma tistax ma tinftiehimx hlief bhala ammissjoni tal-kreditu imma li [hemm] kontestazzjoni tal-quantum."*

(Ara wkoll id-decizjonijiet a **Vol XXVI pI p441**, **Vol.XXXII pI p639**;"**Anthony Guillaumier –vs- Joseph Cassar Aveta noe**", Appell, 9 ta' Dicembru 1998; "**Antonia Attard Gialanze –vs- Emmanuel Rizzo et**",App.Sede Inferjuri, 29 ta' Jannar 1998 ;u "**Victor Calleja noe –vs- Nazzareno Vassallo et noe**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998.)

Kif gie ribadit " *Siccome la prescrizione mette capo alla coscienza individuale... la ricognizione o lo rinunzia deve risultare da un atto univoco del debitore che riconosce il diritto od il credito del creditore*" (**Volum. XXIII.i.720).**

Minn dan kollu kommentat u fuq l-iskorta tal-gurisprudenza
prevalenti, jirrizulta inkompatibbilta' bejn l-eccezzjoni li timporta l-ammissjoni tad-dritt pretiz min-naha wahda, u dik tal-preskrizzjoni min-naha l-ohra.

Ghaldaqstant anke fuq dan il-binarju l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti, li kieku irnexxiet, xorta ghandha titqies rinunzjata.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevat mis-socjetajiet konvenuti fin-noti ta' eccezzjonijiet rispettivi taghhom**; tordna** li l-kawza tissokta u tigi differita ghall-kontinwazzjoni.

L-ispejjez jithallsu mis-socjetajiet konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------